# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)
# ONOR.IMHALLEF

# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 3/2019/2 JPG**
**Kawza Numru : 27**

**OD**

**vs**

**KC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' OD, datat 4 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Illi l-esponenti ghandu interess illi l-minuri hawn taht imsemmi ma jittihidx barra minn Malta ;*

*Illi l-intimat huwa/hija/huma persuna/persuni li ghandu/ghandha/ghandhom, jew li jista'/tista/jistghu ikollu/ikollha/ikollhom il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri ;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati fejn huwa/hija/huma jigi/tigi/jigu ordnat/i milli jiehu/tiehu/jiehdu/ jew jippermetti/tippermetti/jippermettu lil xi hadd jiehu/tiehu/jiehdu l-imsemmi minuri barra minn Malta ;*

*Dettalji tal-minorenni :*

*ED, X snin, bint OD u KC, imwielda Y Malta, nhar V, registrata fir-Registru Pubbliku skond Att tat-twelid bin-numru W anness u mmarkat bhala Dok A. ritratt tal-minuri qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok B.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KC, datat 8 ta' Jannar 2019, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-passaport tal-minuri skada zmien ilu u l-partijiet qua genituri tal-minuri ma regghux geddewh.*

*Illi l-esponenti ma tarax kif tista' tohrog b'bintha minn dawn il-Gzejjer gialadarba l-passaport ma giex imgedded.*

*Illi huwa proprju ghal din ir-raguni illi dan il-mandat huwa vessatorju ghaliex ma hemmx mezz kif l-esponenti tista' tohrog bil-minuri barra minn Malta b'passaport skadut u mhux imgedded minn awtorita' pubblika.*

*Illi dan il-mandat kien ikun f'loku li kieku hemm passaport validu u qieghed fil-pussess ta' l-esponenti. Sitwazzjoni li tassew ma tezistix.*

*Illi ghal din ir-raguni r-rikorrent ghandu jbati l-ispejjez kollha ta' il-procedura.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu t-termini legali ta' din il-procedura gew estizi (Vide fol 16);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avuakti difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**OD** xehed a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ghal circa hames snin, u flimkien kellhom tifla, ED, li fis-6 ta' Jannar ghalqet tlett snin. Spjega illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet

bhalissa m'hijiex tajba, u li ghalkemm pruvaw jaslu fi ftehim bil-procedura ta' medjazzjoni, ma rrnexxilhomx. Kompla illi fl-ahhar tal-medjazzjoni, l-intimata rieditu jiffirma sabiex jinhareg passport ghall-minuri biex ikunu jistghu jmorru l-Marokk. Xehed illi huwa beda jibza peress illi jaf illi l-intimata trid tmur il-Marokk biex tizzewweg u jibza illi ma jergax jara lit-tifla peress illi l-Marokk m'huwiex stat membru tal-Unjoni Ewropeja. Xehed illi beda jibza aktar u aktar meta, bhala ritaljazzjoni ghall-fatt li hu ma ffirmax ghall-passport tat-tifla, l-intimata ma hallitux jara aktar lil binthom u sahansitra bghatitlu messagg li jekk lit-tifla ma tohodiex bis-sewwa, tohodha bid-dnewwa (Vide Dok OD1, fol 32).

Xehed illi l-intimata mbaghad kienet intavolat proceduri gudizzjarji sabiex tkun tista' ssiefer mat-tifla, izda hu ma kienx gie notifikat bir-rikors taghha.

**In kontro-ezami** a fol 21 *et seqq* xehed illi l-kliem "bid-dnewwa" ma fehmux fis-sens illi l-intimata kienet ser tintavola rikors il-Qorti ghall-awtorizazzjoni biex issiefer lill-minuri. Qal illi ma kienx jaf bir-rikors intavolat fid-19 ta' Novembru 2019. Mistoqsi jafx jekk t-tifla ghandhiex passaport, xehed illi hija zgur li ghandha passaport wiehed ghaliex kien mar jaghmilulha hu stess, izda dan skada f'Gunju 2018. Ikkonferma li ghalhekk illum il-gurnata il-minuri m'ghandhiex passaport validu, ghaliex ma ffirmax ghalih. Mistoqsi jekk l-intimata qattx heddidtu li jekk ma jiffirmax tottjeni l-firma tieghu bi frodi, jew jekk bezghax li dan jsir, xehed illi hu ma ffirmax izda ma jafx x'jista' jigri.

**In re-ezami** a fol 24 xehed illi r-rikors tad-19 ta' Novembru 2019 li saret referenza ghalih waqt il-kontro-ezami, ma kienx gie notifikat bih.

**KC** xehdet a fol 24 *et seqq* illi hija trid tmur il-Marokk biex tizzewweg u xtaqet tiehu t-tifla maghha peress li m'ghandhiex ma min thalliha. Qalet illi pero issa rrangat sabiex jiehu l-leave missierha biex joqghod mat-tifla sakemm hi tmur il-Marokk, biex it-tifla ma jkollhiex tmur ukoll. Xehdet li hi ma thossx li hu gust li l-partijiet jistghu isiefru meta jridu, izda t-tifla ma tistghax ghaliex missierha ma jridx illi tkun tista' ssiefer. Qalet illi hi tixtieq illi t-tifla tkun tista' ssiefer u tgawdi maghhom meta jsiefru, u ziedet illi wara li tizzewweg ser tkun qed toqoghod Malta.

Ikkonfermat illi l-messagg li jidher f'Dok OD1 kienet bghatitu hi lir-rikorrenti, u illi l-ahhar passaport huwa dak ezebit bhala Dok LC2 u li ghalhekk illum il-gurnata l-minuri m'ghandhiex passaport. Ikkonfermat ukoll illi ghaxart'ijiem wara li bghatet il-messagg imsemmi, kienet ipprezentat rikors quddiem il-Qorti ghall-awtorizazzjoni ghas-safar.

**In kontro-ezami** a fol 24C u mistoqsija ghalfejn m'hijiex ser tizzewweg Malta spjegat illi dan huwa ghaliex hemm hafna proceduri fis-sens illi l-ewwel trid tizzewweg il-Marokk u imbaghad tigi u tizzewweg Malta. Mistoqsija kif lesta tikkonferma illi ser toqoghod hawn Malta wara li tizzewweg wiegbet illi l-familja taghha tinsab hawn u hi ma tridx li titlaq lil familja taghha, u li diga ghandha fejn toqoghod.

**Ikkonsidrat;**

L-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi *inter alia* illi:

> "***(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni lijkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallulil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(3) Il-mandat għandu jiġi wkoll notifikat:***
> ***(a) lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' passaporti b'ordni biex ma joħroġx, u/jew jikkonsenja, passaport li fih ikun hemm imdaħħal il-persuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u***
> ***(b) lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ordni biex ma jħallix lil dik il-persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta.***"

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-Mandat t'Inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenti jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* biex jittutela, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi

diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz proceduralі ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' Mandat ta' Impediment ta' Partenza ta' Minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[1]

Il-Qorti rat illi l-partijiet kellhom relazzjoni flimkien, u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri ED, li llum il-gurnata ghandha X snin. Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat, u l-intimata bdiet relazzjoni ohra ma' terza persuna ta' nazzjonalita Marokkina, ma' min kellha l-pjan li tizzewweg fil-mori ta' dawn il-proceduri. M'huwiex ikkontestat illi l-intimata kienet sejra l-Marokk sabiex tkun tista' tizzewweg lill-gharus taghha, u xtaqet illi tiehu lill-minuri maghha. In vista ta' dan kollu, ir-rikorrenti beda jibza illi l-intimata kienet ser titrasloka lejn il-Marokk flimkien ma' binthom, bil-konsegwenza li jigi mcahhad ingustament minn bintu. Kien ghalhekk li ntavola dawn il-proceduri. Minn naha taghha, l-intimata ikkontendiet illi hija sejra l-Marokk biex ticcelebra z-zwieg taghha sempliciment minhabba ragunijiet burokratici, u li hi m'ghandha l-ebda intenzjoni li titrasloka lejn il-Marokk. Tikkontendi illi l-hajja taghha hija hawn Malta, fejn hawn il-familja taghha, u li l-pjan huwa li meta jkunu gew kompletati l-formalitajiet kollha rikjesti, ir-ragel taghha jigi joqoghod hawn Malta flimkien maghha.

---

[1] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi fir-rigward tal-asserzjoni maghmula mir-rikorrent illi l-biza tieghu hija gustifikata ghaliex l-intimata kienet heddidtu li kienet ser tiehu l-minuri maghha l-Marokk "*bis-sewwa jew bid-dnewwa"*, mill-messagg mibghut mill-intimata, jirrizulta b'mod car illi hija ma kienetx qed thedded lir-rikorrent li tiehu lil binthom il-Marokk minghajr il-kunsens tieghu. Filfatt, il-parti saljenti ta' dan il-messagg taqra proprju hekk: "*...jekk ma tijilix* [sic] *bis sewwa xorta nohodha bid dnewwa* **ax [sic] *nohodha biex xol* [sic] *ta l avukat*** *la trid hekk ghax din safra familjarji.*" Huwa car ghalhekk illi t-"theddida", tal-intimata ma kienetx illi kienet ser tahrab bit-tifla lejn il-Marokk, izda sempliciment illi jekk ir-rikorrent jibqa' jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu li ssiefer bit-tifla, kienet ser tiehu l-passi legali necessarji. Filfatt, ftit wara l-intimata prezentat rikors sabiex titlob lil Qorti tawtorizzaha tiehu lit-tifla l-Marokk maghha ghac-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi detto dan pero, Qorti hija tal-fehma, wara li rat il-provi kollha prodotti f'din il-kawza, illi jezistu ragunijiet validi sabiex it-talba tar-rikorrent tigi milqugha.

L-ewwel nett huwa fatt mhux kontestat illi l-intimat kellha tizzewweg (sad-data ta' dan id-digriet filfatt ghandha tkun diga mizzewga) lil persuna ta' nazzjonalita Marokkina. Ghalkemm huwa minnu li tghid illi hija trid tghix hawn ghaliex dan hu pajjizha u il-familjarji taghha jirrisjedu hawn Malta, ma jistghax jinghad illi l-biza tar-rikorrenti hija frivola, ghaliex zewg ir-rikorrenti huwa ta' nazzjonalita Marrokkina u ghalhekk huwa mpossibli li jigi eskluz li l-intimata u zewgha jistghu jaghzlu li jmorru jirrisjedu l-Marokk.

Il-Qorti tqis illi din il-biza hija terga aktar ragonevoli ikkonsidrat l-*istatus* li l-intimata ppublikat fuq *Facebook* fil-21 ta' Jannar 2019,[2] fejn hija tirreferi ghal Marokk bhala "*My second home now."* Din l-asserzzjoni maghmula publikament mill-intimata tikkontrasta mhux ftit ma' dik li xehdet quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A B gja C vs L-Avukat Renzo Porsella Flores et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 t'Ottubru 2015,[3] fejn fir-rigward ta' biza mill-omm illi binha minuri jittiehed il-Marokk minn missieru minghajr il-kunsens taghha intqal illi:

> ***"Fil-fehma tal-Qorti il-biza' tal-omm ma hiex biza' frivola. Tenut kont li l-missier huwa ta' origini Marokkina, u tenut kont li dak il-pajjiz ma hux firmatarju tal-Konvenzjonijiet ta' l-Aija li jipprotegu l-minuri, it-tehid***

[2] Dok F, a fol 47.

[3] Kontro-mandat nru. 109/15/1.

***abbuziv tal-minuri mill-missier lejn dak il-pajjiz jista' jkollu konsegwenzi dizastruzi ghall-benenessere tal-minuri minghajr l-ebda rimedju effettiv.***"

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak appena citat. Il-Marokk m'huwiex firmatarju tal-Konvenzjonijiet tal-Aija li jipprotegu l-minuri, u ghalhekk, jekk l-intimata tiddeciedi li tiehu lil bint il-partijiet lejn il-Marokk b'mod abbuziv, hemm riskju reali illi r-rikorrent igarrab pregudizzju irrimeddjabbli fir-relazzjoni tieghu ma' bintu.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rekwiziti kollha tal-ligi ghall-hrug ta' Mandat t'Impediment ta' Partenza ta' minuri gew sodisfatti mir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tinibixxi lill-intimata KC milli jiehu lil minuri ED, imwielda Y Malta, nhar V, irregistrata fir-Registru Pubbliku skont Att tat-Twelid bin-numru W jew li tippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra mill-gzejjer ta' Malta u Ghawdex.**

**Inoltre, tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-Awtoritajiet koncernati skond il-ligi b'ordni li ma johorgux, u/jew ma jikkonsenjawx, passaport li fih ikun hemm imdaħħal l-imsemmija minuri fuq indikati u biex ma jdahhlux l-isem tal-minuri fuq indikati fil-passaport tar-rappreżentanti legali tal-intimat jew fil-passaport ta' persuna oħra. Il-Qorti tordna illi kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lil Awtoritajiet koncernati.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimata.**

**Moqri.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**